**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Priscilla Caruana Lee)**

**vs**

**Aziz Ben Hamed**

**Seduta Distrett Valletta**

**Illum 4 ta' April 2019**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Aziz Ben Hamed** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 124476 (A) u huwa akkuzat talli nhar il-28 ta' Marzu 2019, ghall-habta tal-16:00 hrs u fil-gimghat ta' qabel gewwa l-Kantina Cafe, fi Triq San Gwann il-Belt Valletta:

1. Bl-imgieba tieghu kkaguna lil Charles Vassallo, Godwin Micallef, Katja Sammut, Michaela Baldacchino, Ganni Spiteri u impjegati ohra tal-istabbiliment hawn fuq msemmi, biza li se tintuza

vjolenza kontra taghhom jew kontra l-propjeta` taghhom jew kontra l-persuna jew il-propjeta ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-Artikolu 222 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan bi ksur tal-Artikolu 251(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;

2. Ghamel ingurji jew theddid mhux imsemmijin band' ohra fil-Kodici Kriminali, jew jekk kien ipprovokat, ingurja b'mod li hareg barra mil-limiti tal-provokazzjoni, u dan bi ksur tal artikolu 339(1e) tal-Kap 9 tal-Ligijiett a' Malta;
3. F'dawn il-gzejjer ghex hajja ta'ghazz u vagabundagg u dan bi ksur tal-Artikolu 338(w) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Volontarjament kiser il-bon-ordni jew il-paci pubblika b'ghajjat u glied u dan bi ksur tal-Artikolu 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. F'post pubbliku mmolesta lin-nies sabiex talab il-karita, u dan bi ksur tal-Artikolu 338(x) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

F'kaz ta' htija l-Qorti giet mitluba biex titratta ma Aziz Ben Hamad li rrenda ruhu ricediv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li kien instab hati ta' reat b' sentenz moghtija mill-Qorti ta' Malta, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li tinfliggi l-piena stabbilita mill-Ligi, jekk jidrilha xieraq tipprovdi ghas-sigurta ta' Charles Vassallo, Godwin Micallef, Katja Sammut, Michaela Baldacchino, Ganni Spiteri u impjegati ohra tal-istabbiliment Kantina Cafe jew biex tinzamm l-ordni Pubblika,

jew ghall-iskop ta' protezzjoni taghha minn fastidju jew mgieba ohra li tikkaguna biza ta' vjolenza u dan bi ksur tal-Artikolu 412 C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Ikkunsidrat :**

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta tal-llum ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 392A(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu u dan wara li l-imputat ikkonsulta lill-avukat Yanika Bugeja.

Semghet s-sottomissjonijiet finali mill-Prosekuzzjoni u d-difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m'ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Din il-Qorti dwar piena tirrileva u dan b'referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Rene` sive Nazzareno Micallef** moghtija fit-28 ta' Novembru 2006:

*"Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu mportanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic- cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena."*

**Decide:**

Il-Qorti wara li rat l-imputazzjoni, d-dokumenti semghet il-provi u rat l-Artikoli 49, 50, 222(1), 251(3), 338(dd), 338(w), 338 (x), 339(1e) u 412 C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta , ghal-dawn il-mottivi il-Qorti issib lil Aziz Ben Hamed hati u tikkundannah tlett (3) xhur prigunerija.

*In oltre*, b'applikazzjoni tal-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tqieghed lill-hati taht Ordni ta' Protezzjoni fil-konfront ta' Charles Vassallo, Godwin Micallef, Katja Sammut, Michaela Baldacchino, Ganni Spiteri skont id-digriet hawn anness ghal tliet snin millum.

---

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**